KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 46

Is-sitta u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 29 ta' Settembru 2015 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | ✓ Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **ASSENTI** | ~~Kris Busietta~~ | ~~Vici Sindku~~ |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Metodologija għal stħarriġ mar-residenti dwar Residential Parking Scheme*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-minuti tas-seduta 44_24/08/2015.

1.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 2.4 u qal li fil-frazi trid tizdied li l-Kunsill kien qiegħed jirreferi għal Gnien Bonello Dupuis. *Korezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.9 u talab li tizdied il-frazi 'Il-Kunsill iddeċieda li jekk il-budget għas-sena 2016 ikun jippermetti jizdiedu l-frekwenzi tal-knis skont il-bzonn'.

1.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irreferiet għal punt 2.2 dwar it-tieni laqgħa għar-residenti u saqsiet jekk kienx hemmx qbil ta' data. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li tintalab stima mill-MISCO biex isir survey mar-residenti minflok.

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.19 u talab li tizdied il-frazi: 'Hija parti mill-*waste policy* li l-Kunsill għandu responsabbilta li nikkordinaw mas-settur kummerċjali'.

1.6 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 44. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 44*

1.7 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 45_1_09/2015

1.8 Il-Kunsilliera P. Radmilli irrefera għall-punt 1.1 u qal li hu ma jaqbilx mad-deċizjoni li ttieħdet fl-aħħar seduta li t-tlett kuntratti imsemmija jiġġedu għal sena oħra mingħajr ma jsir negozjati fuq il-kuntratt. Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera dwar dan l-punt. Kien hemm uħud mill-Kunsiliera li qablu ma dan minnkeja li kienet ittieħdet deċizjoni diga fil-laqgha precedenti. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw xtaqet tiċċara jekk tkun ittieħdet deċizjoni jistgħux jinbidlu deċizjonijiet fis-seduta ta' wara għax ma jkunux għadhom ġew approvati u iffirmati l-minuti. *Korezzjonijiet*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-18.34pm*

1.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent għaliex inkella se jġibuh f'pozizzjoni li ma jkunx jista jaġixxi

fuq il-minuti qabel ma jiġu approvati fis-seduta ta' wara.

Is-sens tad-diskors u decizjoni fil-laqgha precedent kienet cara, u kienet illi dawn it-tlett kuntratti jiggeddu b'sena.

1.10 Is-Sindku qal li nistgħu noħolqu preċedent għal deċizjonijiet oħra li jkunu ttieħdu waqt is-seduta. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li jkun tajjeb li l-Kunsill ikun ċar jekk għandux jaġixxi fuq id-deċizjonijiet wara s-seduta jew wara li jiġu approvati l-minuti.

1.11 l-Kunsillier P. Radmilli talab li l-Kunsill m'għandux jieħu drawwa li jġedded il-kuntratti u jiġu mressqa Kunsill qabel l-iskadenza. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku ħeġġeġ lil-kumitat li hu jmexxi, biex iduru dawn it-tenders qabel jergghu jinhargu.

1.12 Kien hemm qbil li għal korrezzjoni ta' punt 1.1 għandha tizdied il-frazi kif ġej:

1.13 'Filkaz tal-kuntratt tal-ELC, fejn hemm bzonn titjib fis-servizz, għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur u jekk il-laqgħa tkun sodisfaċenti l-kuntratt jiġġedded b'sena, u/jew jinbiddlu xi klawsoli tal-kuntratt. Jekk ma tkunx sodisfaċenti il-Kunsill jirriserva d-dritt li jinħareġ tender gdid.

1.14 Il-kumitat tal-gonna għandu jiltaqa mal-kuntratturi l-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li xtaqet li tkun prezenti. Is-Sindku qal li għalkemm kulħadd responsabbli mid-dekasteru tiegħu kulħadd jista jkun prezenti għal laqgħat tal-kumitat, għalkemm normalment il-problema tkun in-nuqqas t'attendenza, importanti li l-persuni responsabbli tal-kumitat li jkun qiegħed jiltaqa' ikunu prezenti.

1.15 Is-Sindku irrefera għal punt 2.1 u talab li ssir korrezzjoni u tinqara 'li se jkun hemm tqassim ta' fondi mir-reġjun bejn il-Kunsillii membri'.

1.16 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.14 u għandha tizdied il-frazi 'is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsillier P. Radmilli biex isaqsi lir-reġjun biex iqassam il-fondi kollha bejn il-Kunsilli malajr kemm jista jkun'.

1.17 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.18 u talab li ssir korrezzjoni għaliex l-Kunsill kien qabel dwar il-mappa elettronika

għall-uzu tal-permessi.

1.18 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.19 u talab li ssir korrezzjoni flok il-kelma 'pilloli addati' tinqara 'kontraċettivi'.

1.19 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għal punt 2.26 u talbet li ssir korrezzjoni li l-ewwel frazi tinqara: 'Dwar ir-rendikont tal-attivita SAF, il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li fl-aħħar seduta kienet talbet li jintbgħat l-istess rendikont qabel, dan f'ġieħ it-trasperenza sabiex b'hekk tkun tista tara d-dar bil-kwiet'. Talbet ukoll li tizdied frazi: 'Jien fl-ebda ħin ma għedt li hemm dubji dwar dawn il-kontijiet, imma għar-raġuni ta' trasparenza.'

1.20 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill kien iddeċieda li jsir *post mortem* dwar l-attivita tal-SAF u mhux ta' fondi biss. Kien hemm qbil dwar dan u dan għandu jsir fil-laqgħa tal-kumitat konċernat u wara SAF tkun Agenda item u tiġi diskussa.

2.21 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti 45. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 45*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar it-tindif ta' sigaretti permezz ta' magna għaliex il-Kunsill kellu jara kemm tiswa magna apposta. Sadanitant is-Segretarju Ezekuttiv informa li CSD jista jnaddfu bi ħlas *extra*. Tindif ta' sigaretti

2.2 Is-Sindku irrefera dwar is-sistema tal-istreet leaders biex ikunu jistgħu jgħinu għas-sorveljanza ta' tindif fit-toroq. Is-SE saqsa lill-Kunsilliera biex jinfurmawh b'xi ismijiet ta' min lest li jgħin f'din l-inizjattiva. *Street leaders*

2.3 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar fis-sistema ta' datatrak biex il-Kunsill ikun jaf fejn qegħdin il-kenniesa. Is-SE qal li din hija sistema li tiswa ħafna flus u minħabba kwistjoni ta' finanzi ma tistax issir bħalissa. *Sistema ta' datarak għal tindif fit-toroq*

2.4 Il-Kunsill kien iddiskuta dwar il-*water fountains* jekk jistgħux isiru bi ħlas. Kien hemm qbil li jsir sub meter. Is-SE infurma li waħda mid-*drinking fountains* inghalqet. *Water fountains*

2.5 l-Kunsillier J. Pillow irrefera għal gnien Margaret Mortimer u kien *Sliema Playing Fields*

hemm qbil li flok *fencing* jiġi irranġat it-tapit.

2.6 Dwar ir-rapporti tas-servizz tal-*ECO Wardens,* kien hemm qbil li jibda jittella' rapport fl-aħħar ta' kull xahar fuq *facebook* dwar l-ammont ta' kontravenzjonijiet li jkunu nħarġu. Tkun permezz ta' ta' tabella dwar boroz, klieb, kostruzzjoni. Huwa importanti biex il-pubbliku jkun jaf li hemm presenza ta' dawn il-gwardjani — Eco Wardens

2.7 Is-Sindku irrefera għal punt 2.9 dwar il-qbil li s-servizz tal-knis jkun filgħodu biss. Ġie nnotat li l-*monitoring* qed isir ahjar u għal pubbliku qegħda tidher aktar il-presenza tal-kunsilliera. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li importanti li mhux biss naraw li qegħda ssir imma li qegħda ssir sew. — Tindif fit-toroq

2.8 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar il-kwotazzjoni tat-tbattil ta' bins. Is- SE qal li din se tiġi diskssa aktar tard f'din is-seduta. — *bins*

2.9 Il-Kunsill ġie infurmat li għal kampanja tal-iskart il-*flyers* se jkunu lesti dalwaqt u Greenpak se jkunu qegħdin iduru l-areas l-aktar li jinħareġ l-iskart f'ħinijiet hziena. Kien hemm qbil li apparti l-flyers, ikun hemm ukoll *stickers.* — *Kampanja Skart*

2.10 Dwar punt 2.17 kien hemm qbil li l-kunsilliera J. Pillow u P. Radmilli jipprovaw jlaqqgħu lis-sidien tal-*catering establishments* skont l-area dwar il-problema tal-iskart u l-uzu ta' skips.

2.11 Dwar punt 2.21 dwar il-*hawkers* u li qegħdin jarmaw bla permess, kif ukoll dawk l-istands u *sandwich boards* li hemm fix-Xatt. Ġie nnotat li Għases oħra ta' pulizija ħadu azzjoni. Il-Kunsill ilu ħafna jiddiskuti mal-Għassa Sliema izda l-azzjoni għada ma ittiħditx. Il-Vici Sindku għandu jiċċekkja l-*line of action* li tista tittieħed.

2.12 Il-Kunsillier D. Muscat informa li l-organizazzjoni dwar l-attivita għal *Sliema Day* għaddejja b'rittmu tajjeb.

## 4. RAPPORTI MIS-SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat bis-sitwazzjoni tal-*handyman* tal-Kunsill għaliex ix-xogħol li tirrikkjedi Tas-Sliema mhux dejjem ikun jista jlaħħaq miegħu. Il-Kunsill ġie infurmat li dan għadu fuq *probation.* Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jkun tajjeb li nitkellmu miegħu u naslu bil-kelma t-tajba u forsi l-affarijiet imorru għall-aħjar. Kien hemm qbil dwar dan.

4.2 Fir-rigward tal-ammont tax-xogħol li hemm bzonn isir fuq barra wkoll, is-SE qal li ilu jipprova jibgħat lill-ETC u jitlob għal aktar ħaddiema tal-IPSL biex ikunu jistgħu jgħinu lil handymen tagħna. Is-SE għandu jibgħat kopji tal-emails lill-Kunsilliera L. Cassar Shaw biex tghamel pressjoni.

4.3 Fir-rigward tal-problema tal-ħamiem il-Kunsill ġie infurmat li ma sabx kontraċettivi. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera li l-Kunsill ikellem lil Welfare Department u jaġixxi b'modi aktar diretti.

4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu talab lir-Regjun għal presentazzjoni dwar is-sistema l-ġdida li se tiġi implementata tal-gwardjani lokali, dan sabiex ikollna aktar informazzjoni madankollu din it-talba ġiet miċħuda. Is-SE għandu jikteb lill-Ministru konċernat biex jibgħat spjegazzjoni kif se tinħadem is-sistema. *Sistema ġdida ta' infurzar*

4.5 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kien talab għal camera fejn il-Bring in sites ta' Qui Si Sana. Is-SE qal li għamel din it-talba lis-CSD. *Camera – Bring in sites*

4.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt li l-Kunsill għandu jara min huma l-amministratturi tal-appartamenti f'Tas-Sliema u qal se jipprova jara min huma biex ikun hemm aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni dwar il-ġbir ta' skart.

4.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal qbil biex titwaħħal DVR fi Triq Bisazza. Is-SE informa li l-ispiza hija madwar Ewro 1600 u f'dak il-kaz tkun trid tinħareġ kwotazzjoni. Kunsill qabel li tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet.

## 3. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament numru 54 dwar *Bins on wheels ta' Tigne* u saqsa għaliex il-Kunsill iħallas għal dan. Is-SE qal li filfatt din kienet se tiġi diskussa għaliex skond il-ligi, l-Kunsill huwa obligat li jiġbor l-iskart biss u mhux li jipprovdi l-bins. Kien hemm qbil li dan is-servizz jibqa sa l-aħħar ta' Diċembru 2015 u sadanittant il-Kunsill jinforma lir-residenti ta' The Point li s-servizz se jiġi offrut sal-perjodu imsemmi u min Jannar 2016 ikunu iridu jipprovdu l-bins huma stess.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament li sar dwar il-manutenzjoni tal-*aircondition* fil-Berga. Il-Kunsillier Pillow saqsa

hux possibbli li nitolbu li l-ex Berga li tinsab fejn l-Għassa biex tingħata lill-Kunsill bħala tpartit tas-sala li l-Kunsill offra bħala Berga. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament għall-*onion sacks* jekk intuzawx. Is-SE wieġeb li ftit intuzaw għal l-aħħar *Cleanup*, madankollu se jkun hemm *cleanups* oħra li dawn ikunu jistgħu jintuzaw.

3.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.5 Tressqet il-kwotazzjoni dwar it-tindif tal-*litter bins* li se jkun nhar ta' Gimgħa u nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill qabel li jagħzel lil SRF għaliex kienet l-irħas. *Tbattil ta' Bins – Tlieta u l-Gimgħa*

## 6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-korsijiet ta' *life long learning* kienu ta' suċċess u applikaw ħafna residenti. Reġa beda wkoll l-*story telling* kif ukoll korsijet għal *pilates* u *beading*. *Korsijiet*

6.2 Il-Kunsillier M. Briguglio propona f'isem il-kumitat li għal korsijiet tal-kompjuter jinħarġu *call for quotations* u l-applikant ikun irid jieħu ħsieb li jkollu l-*computers* tiegħu. Il-Kunsill ma joħroġ ebda flus għal dan.

6.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li ġie avviċinat minn xi ħadd biex jorganizza kors dwar il-kultura Taljana u tagħlim tal-lingwa fuq livell baziku. Kien hemm qbil dwar dan li l-Kunsill joffri biss l-uzu tal-uffiċċju u ma jkunx involut fi spejjez.

6.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw proponiet li jsiru korsijiet tal-Arti. Kien hemm qbil bl-istess deċizjoni li l-Kunsill ma jkunx involut fii spejjez ħlief li joffri s-sala. Il-ħlas għandu jsir direttament lill-għalliema.

6.5 Il-Kunsillier M. Briguglio tkellem dwar it-talba li l-Kunsill irċieva biex il-Kunsill ikun jista jgħin lill-għaqdiet tal-Baned u Parroċċi għal carwash Nazzjonali għal għan tal-immigranti. *Carwash*

6.6 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li kellu laqgħa mal-Wasteserv dwar *Skart organiku*

il-kompost għall-iskart organiku u saqsew jekk il-Kunsill iridx li jun parti biex Tas-Sliema tkun parti mill-*pilot project* li se jkun qiegħed jibda f'Jannar ma ftit Kunsilli oħra. Filwaqt li l-Kunsill jaqbel ma' din l-inizjattiva kien hemm qbil li għalissa mhux il-mument u ma jistax ikun parti minn dan il-proġett għaliex għad hemm wisq nuqqasijiet li wieħed jista jirranġa u r-residenti li joqgħodu f'Tas-Sliema għadhom mhumiex lesti li jikkoperaw għal din l-inizjattiva għaliex diġa hemm ħafna min ma jikkoperax mal-ħinijiet u ġranet stipulati. Kien hemm qbil li f'din iċ-ċirkustanza Tas-Sliema tingħaqad meta tkun għal Malta kollha, għaliex mhux ideali li Tas-Sliema tkun esperiment.

**5. METODOLOGIJA GĦAL STĦARIĠ MAR-RESIDENTI DWAR RESIDENTIAL PARKING SCHEME**

5.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill johrog sejha ghal kwotazzjonijiet biex isir survey. Il-Kunsill jitlob li s-survey ikopri *sample* raprezentattiv ta' madwar 300 *household* fejn isaqsu mistoqsijiet dwar dan is-suggett. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li fl-aħħar tiżdied il-mistoqsija 'jekk hemmx kummenti għal Kunsill?' Kien hemm qbil dwar dan.

**7. AGGORNAMENT**

7.1 Is-seduta spiċċat fid-21.51. Seduta li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 28/10/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**